

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 880/2007

tal-25 ta' Lulju 2007

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2133/2001 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tat-tariffa tal-Komunità u limiti tat-tariffa fis-settur taċ-ċereali, f'dak li jirrigwarda kwota tariffarja tal-Komunità għal ċerti preparati tat-tipi użati għall-għalf ta' l-annimali u li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 2309 90

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

l-importazzjoni b'dazju ta' 7 % *ad valorem* għal ċerti preparati tat-tipi użati għall-għalf ta' l-annimali u li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 2309 90.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/444/KE tat-22 ta' Frar 2007 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada dwar il-konklużjoni tan-negozjati rigward l-Artikolu XXIV.6 tal-GATT ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 733/2007 tat-22 ta' Frar 2007 dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Kanada dwar il-konklużjoni tan-negozjati dwar l-Artikolu XXIV.6 tal-GATT 1994, li jemenda u jissupplimenta l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tariffarja u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ⁽³⁾ jipprovdi, għal kull sena kalendarja, kwota tariffarja ta'

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ⁽⁴⁾ għabbar flimkien ir-regoli ta' l-amministrazzjoni applikabbli għall-kwoti tariffarji maħsuba biex jintużaw skond l-ordni kronoloġiku tad-dati tad-dikjarazzjonijiet tad-dwana u għas-sorveljanza ta' l-importazzjonijiet li jibbenefikaw minn sistema preferenzjali. Bil-ħsieb li l-amministrazzjoni ta' din il-kwota tariffarja tkun armonizzata ma' kwoti simili, l-amministrazzjoni tiegħu għandha tkun integrata fis-sistema kkonċernata.

(3) Jeħtieġ għalhekk li r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2133/2001 ⁽⁵⁾ jiġi emendat skond dan.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għandha tiddied il-linja li ġeja fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 2133/2001:

| | | | | | |
|----------|--|--|-------|-----------------------|---|
| “09.0070 | 2309 90 31 2309 90 41 2309 90 51 2309 90 95 2309 90 99 | Preparati tat-tipi użati fl-għalf ta' l-annimali | 2 700 | 7 % <i>ad valorem</i> | Kull pajjiż terz (<i>erga omnes</i>)” |
|----------|--|--|-------|-----------------------|---|

⁽¹⁾ ĠU L 169, 29.6.2007, p. 53.

⁽²⁾ ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 735/2007 (ĠU L 169, 29.6.2007, p. 6).

⁽³⁾ ĠU L 169, 29.6.2007, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 214/2007 (ĠU L 62, 1.3.2007, p. 6).

⁽⁵⁾ ĠU L 287, 31.10.2001, p. 12. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1996/2006 (ĠU L 398, 30.12.2006, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Lulju 2007.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membri tal-Kummissjoni
